MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 2410/2003

**Paul Bonavia**

**Vs**

**Philip Borg**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' Lm450.00c (erba' mija u hamsin lira Maltin) rapprezentanti skrittura ffirmata f'Settembru 2003 li permezz taghha l-konvenut iddikjara ruhu veru cert u likwidu debitur tal-attur.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lill-attur li kkonferma li l-ammont dovut huwa ta' Lm365.00c (tlett mija u hamsa u

sittin lira Maltin) bl-interessi mid-19 t'Ottubru, 1999 liema mghax sal-lum igibu s-somma ta' Lm490.00c (erba' mija u disghin lira Maltin) somma superjuri ghal dak mitlub fl-Avviz u ghalhekk it-talba tista' tigi milqugha biss fuq l-ammont mitlub.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm450.00c (erba' mija u hamsin lira Maltin), bl-imghax mis-16 ta' Settembru, 2003 kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------